# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 61**

**Citaz. Nru. 706/00GV**

**Doc. Nru. 10-01**

Dr. Tanya Sammut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Cramer-Halstrup & Schrunder Gmbh & Co.

vs

Bortex Clothing Ind. Co. Ltd.

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attrici nomine ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' estera Cramer - Halstrup & Schrunder Gmbh & Co. fis-somma ta' hamest elef, mija u tmienja u disghin punt decimali sebgha u ghoxrin EURO (EURO 5,198.27) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata skond invoice datata s-sebgha (7) ta' April, 1999 li giet annessa u mmarkata bhala Dok. A.

Premess illi nonostante nterpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

U premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta’ attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjata’ attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha l-Avukatessa Tanya Sammut ikkonfermat bil-gurament taghha illi s-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas tas-somma dovuta.

Ghar-ragunijiet premessi u b’dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici, ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), l-attrici nomine talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, mija u tmienja u disghin punt decimali sebgha u ghoxrin EURO (EURO 5,198.27), rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u ikkonsenjata mis-socjeta’ estera Cramer -Halstrup & Schrunder GmbH & Co.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-bejgh tal-merkanzija sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta a fol 17 fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok, is-socjeta’ eccipjenti la ghandha u lanqas qatt kellha ebda relazzjoni guridika mal-mandanti ta’ l-attrici nomine kif jista jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, peress illi l-materjal in kwistjoni kien parti minn konsenja ordnata minghand u supplita minn

Nico Schurmann, kummercjant Germaniz, hemm lok tal-kjamata in kawza ta' l-istess sabiex iwiegeb ukoll ghat-talbiet attrici.

3. Illi fit-tielet lok, u wkoll minghajr pregudizzju ghal fuq premess, fl-imsemmija konsenja gie supplit materjal illi mhux biss ma kienx tal-kwalita' pattwita, talli kien ipprezentat bhala materjal firmat originali, izda li rrizulta li kien imitazzjoni falza b'dan illi s-socjeta' eccipjenti soffriet danni ingenti, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, b'referenza ghal liema danni qieghda tirrizerva d-drittijiet taghha skond il-Ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghall-provvediment fuq it-talba tal-konvenuti kontenuta fl-eccezzjonijiet taghhom a fol. 11 para. 3 fejn talbu li jigi kjamat fil-kawza Nico Schurmann billi s-socjeta' konvenuta qatt ma kellha relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u l-unika relazzjoni li kellhom kienet ma' Nico Schurmann kummercjant Germaniz li minghandu s-socjeta' konvenuta kienet tixtri xi materjal u li minghandu saret l-ordni relattiva skond l-order form Dok PB1 a fol. 12.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li ghalkemm l-ordni saret lil Schurmann, il-Confirmation Order Doc CH2 giet mis-socjeta' attrici, u dina giet accettata mill-konvenuti, li anke accettaw il-merkanzija li l-atturi baghtulhom, u huma ma ilmentawx mal-atturi dwar il-merkanzija allavolja dawn kienu interpellawhom diversi drabi biex ihallsuhom tal-merkanzija li kienu baghtulhom. Finalment jekk il-konvenuti ghandhom xi claim dina ghandha tigi diretta lill-atturi u mhux lil Schurmann li ma baghat ebda merkanzija lill-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba ghall-kjamat fil-kawza bl-ispejjez kontra l-konvenuti u tiddifferixxi l-kawza ghat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu, 2001 fl-9.45a.m.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**